

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15330/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0811(NLE)
2023/0812(NLE)

CMPT 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar żewġ membri tal-Qorti tal-Awdituri - Adozzjoni

1. Skont l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-lista tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri mfassla f'konformità mal-proposti magħmulin minn kull Stat Membru, għal mandat ta' sitt snin.
2. It-tiġdid parzjali attwali tal-Qorti tal-Awdituri jinvolti żewġ Membri. Il-mandat tas-Sur Hannu TAKKULA (Repubblika tal-Finlandja) ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2024 u l-mandat tas-Sa Annemie TURTELBOOM (Renju tal-Belġju) ser jiskadi fit-30 ta' April 2024¹.

¹ 6023/23.

3. Ir-Repubblika tal-Finlandja pproponiet lis-Sur Petri SARVAMAA bħala sostitut tas-Sur Hannu TAKKULA għal mandat li jibda fl-1 ta' Ġunju 2024². F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 286(5) TFUE, is-Sur Hannu TAKKULA għandu jibqa' fil-kariga sakemm jiġi sostitwit. Fit-22 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra tas-Sur Petri SARVAMAA.
4. Ir-Renju tal-Belġju ppropona li terġa' tinħatar is-Sa Annemie TURTELBOOM³. Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra mill-ġdid tas-Sa Annemie TURTELBOOM.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoniġiet tiegħu dwar dawn il-ħatriet fit-22 ta' Novembru 2023.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar id-Deċiżjoni li taħtar il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri msemmija hawn fuq, kif tinsab fid-dokument 15334/23, u biex jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

² 12992/23.

³ 13436/23.